**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 468/23 AL

Dr. Ruth Ellul (K.I. 318092 M) bħala mandatarja speċjali tal-assenti A B C

vs

D C

(M.R. Numru 522/2018)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet A B C u D C iżżewġu fis-sitta u għoxrin (26) taJannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018)minn liema żwieġ ma kellhom l-ebda ulied (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala Dok A);
2. Illi, fuq talba tal-intimat C fil-perjodu meta r-rikorrenti kienet assenti minn Malta, din l-Onorabbli Qorti tal-Familja ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, liema sentenza ingħatat fis-6 taLulju 2022, fl-ismijiet A B -vs- L-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati

b'digret tal-10 ta' Marzu 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C B nee C D E (Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieg: 522/2018) (ara kopja legali tas-sentenza ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok B)

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal diversi snin u ilhom ma jgħixu taħt l-istess saqaf minn Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019);

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikončiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin. Di fatti l-partijiet ilhom ma jitkellmu mis-sena 2019;

5. illi l-esponenti tiddikjara illi l-ebda parti ma hija dovuta tagħti manteniment, u għaldaqstant l-ebda parti ma għandha pretensjoni ta’ din ix-xorta

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

7. Illi l-esponenti nomine qiegħda tannetti madan ir-rikors kopja awtentikata tal-prokura speċjali mogħtija lilha sabiex tintavola dawn il-proċeduri f'isem l-attrici Rubylyn Valencia Fenech (vide Dok C), l-affidavit guramentat tal-istess attrici (vide Dok D), u traduzzjoni ta' dan ir-rikors fil-lingwa Ingliża (vide Dok E).

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet A B C u D C ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

U dana taht kull provvediment ieħor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta’ Settembru 2024;

Semgħet lill-avukat difensur tal-intimat tiddikjara fil-Qorti li l-intimat m’għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti nomine rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mill-2019 u legalment separati mis-6 ta’ Lulju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.